**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can ), Ph.D.**

**Appell Numru: 409 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Jesmond Saliba**

Illum, 5 ta' Jannar, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jesmond Saliba detentur tal-karta ta' l-identita' numru 413569 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Fil-21 ta' Settembru 2020 ghall-habta tat-18:10hrs waqt li kien qieghed gewwa l-inhawi ta' Birzebbugia kif ukoll fil-hinijiet ta' qabel gewwa l-Gzejjer Maltin waqt stagun maghluq ghall-kacca ta' l-ghasafar min fuq l-art ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta' reg. 18 (1) (a) ta' l-A.L. 79/2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f' xi fond jew fil-pussess tieghu taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar M805508T, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma jkollu licenzja ghal dik l-arma taht l-Att dwar l-armi u dan bi ksur tal-Artikolu 5 (1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' Reg. 27(1) (b) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' 1-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Settembru, 2022 fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 18 (1) (a) u 27 tal Avviz Legali 79 tas-sena 2006, sabet lill-qua imputat Jesmond Saliba hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li sabithu hati illiberatu mit-tieni imputazzjoni konsegwentament ikkundanatu ghall-piena ta' multa ta' elf u hames mitt Ewro (Eur. 1,500) li b' applikazzjoni tal-artikolu 14 (2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b' rati mensili u konsekuttivi ta' Eur. 250 fix-xahar. F' kaz li l-hlas ikun ha jsir b' rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data tas-sentenza, b' dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jesmond Saliba minnu pprezentat fit-23 ta' Settembru, 2022 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

1. Tikkonferma l-parti tas- sentenza appellatta tat-13 ta' Settembru 2022 fl-ismijiet Pulizija vs Jesmond Saliba fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lil Jesmond Saliba mhux hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih.
2. Tirrevoka l-parti tal-istess sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn sabet l-appellant hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotti kontrih u fejn ukoll ordnat is-sospensjoni tal-licenzja jew permess relevantimahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal—Kodici tal-Ligijiet tal-Puluizija ghall-perjodu ta' sentejn.
3. Minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliggi piena aktar idonea skont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

U dan skond dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat illi l-esponent hass ruhu aggravat b' din is-sentenza u minnha qieghed jinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>L-ewwel aggravju: Apprezzament hazin tal-provi</u>**

Huwa vera li normalment, din l-Onorabbli Qorti, ma tkunx disposta tbiddel l-apprezzament tal-Ewwel Onorabbli Qorti b' mod facli b' dan illi u sakemm tali apprezzament ma jkunx ' safe and satisfactory' .

Il-mistoqsija li tqum hija wahda semplici u dan jekk l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlitx analizi akkurata tal-provi quddiemha.

L-appellant umilment jemmen illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tkun moralment konvinta li kien l-esponenti l-persuna li tidher fuq il-filmat ezebit f' dawn il-proceduri min-naha tal-prosekuzzjoni u dan ghal diversi ragunijiet:

i. Illi s-Sinjura Barrows, meta mistoqsija jekk tgharafx il-persuna li tidher fil-filmat fl-Awla, iddikjarat li ma kinitx certa u fl-ebda hin ma qalet li qeghda taghraf -imputat gol-awla.

   L-istess jinghad u jirrizulta minn harsa lejn l-affidavit ipprezentat minn PC544 fejn iddikjara s-segwenti:

   "*Min-naha ta' dawn iz-zewg membri tal-Cabs urewna filmat tal-persuna izda ghalkemm kien jider persuna li kien qieghed miexi pero ma stajniex nidentifikawh.*"

   U PC1130 fl-affidavit li ppresenta kkonferma l-istess kliem ta' PC544:

*"Il-kwerelanti wkoll urew filmat zghir tal-persuna fejn kien mixi bejn is-sigar izda dan dak il-hin ma setghax jigi identifikat."*

ii. Illi apparti dak appena sottomess kwantu jirrigwardja l-fatt li la mill-affidavit fuq citati, la l-kwerellanti u lanqas l-Pulizija ma setghu jiddentifikaw il-persuna fil-filmat u lanqas fl-awla, hemm ukoll punt iehor essenzjali li ghandu bzonn jigi kkunsidrat u cioe li l-ebda wiehed mill-Pulizija ma ddikjara fl-affidavits taghhom illi din il-' persuna mhux identifikata' kienet filfatt b' senter jew b' xi arma tan-nar f' idu izda sempliciment qalu li raw lil xi hadd miexi bejn is-sigar. Dan il-fatt fl-umli sottomissjoni tal-appellant ukoll idghajjef it-tezi tal-prosekuzzjoni.

Jidher li hemm diskrepanza bejn il-filmat li l-CABS wrew lil ufficcjali tal-Pulizija a tempo vergine u l-filmat esebit. Din id-diskrepanza, kif gia sottomess temani mil-fatt li l-ebda ufficcjal tal-Pulizija ma jiddikjara fl-affidavit tieghu li fil-filmat ra persuna b' arma f' idu miexi lejn is-sigar izda semplicement li wrejhom persuna miexja lejn is-sigar. Dan, indubjament jammonta ghal konflitt ta' provi.

Huwa veru li xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed biex min fdat dak biex jiggudika jsib htija jew jillibera l-persuna tkun suggetta ghal azzjoni penali. Pero f' dan il-kaz sfortunametament ladarba x-xhud Barrows lanqas biss identifikat l-akkuzat, l-appellant isaqsi kif l-ewwel Qorti minn jeddha minghajr ebda provi quddiemha kienet konvinta illi dak li ngibet fuq il-filmat ta' Barrows kien filfatt l-appellant.

iii. Illi jigi wkoll espost li hemm ukoll diskrepanza bejn il-hin indikat fuq l-akkuza u cioe li allegatament l-appellant kien qieghed jikkacja ' ghall-habta tat-18:10pm' ghal dak dikjarat mix-xhud Barrows li xehedet li l-appellant kien qieghed jikkacja madwar l-4:30pm.

Illi ghal darba ohra jigi ritenut illi d-diskrepanza fil-hin, mehud kont tal-fatt li l-istess Barrows ma kinitx f' posizzjoni li taghraf ix-xhud fl-Awla, kif wkoll l-fatt li tissemma persuna li kienet miexja lejn is-sigar minghajr arma u ohra li kienet tidher b' arma f' idha, ma setax jigi skartat b' mod tant legger.

Il-fatt innifsu li l-appellant qed jigi akkuzat specifikament li kien qed ghall-kacca f' hin meta x-xhud principali qed tghid u tindika hin iehor, zgur li johloq stat ta' konflitt ta' provi dwar min attwalment kien qieghed ghall-kacca jekk kien il-kaz.

iv. Punt importanti li ghandu jitqajjem huwa l-fatt illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti kif spjegat l-avvenimenti ma kinux ezatt kif iddiskrivew l-istorja x-xhieda kollha. F' hin minnhom l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet illi "*Fiona Barrows, identifikat lill-qua mputat bhala l-kaccatur fil-filmat*." Dan mhuwiex minnu u kif gia gie ritenut, is-Sinjura Barrows sabitha difficli immens biex taghraf l-appellant gol-awla u filfatt fl-ebda stadju ma kkonfermat fix-xhieda taghha jekk kinitx qeghda taghrfu. B' danakollu, fl-ebda stadju tal-provi ma kien hemm indizzji evidenti li rabtu lill-akkuzat mar-reat, u <u>hu biss</u>, li hu kien il-hati u li l-provi li gew imressqa ma kinux kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi ghalhekk kien importanti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx li l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma ntrabtux specifikament lill-appellant u ma kien hemm ebda prova li rabtet lill-appellant b' mod univoku bl-akkuzi addebitati lilu.

Huwa principju fundamentali illi sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubju ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralemt konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. B' dan l-istess argument, hija xi haga tal-iskantament kif l-Ewwel Onorabbli Qorti n vista tal-fatt li l-ebda xhieda mtella' mill-prosekuzzjoni m' gharfu l-appellant fl-awla, xorta waslet ghal konkluzjoni li l-appellant kellu jigi misjub hati.

In oltre, l-Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b' success.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-appellant jissotometti li kellu jigi liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih fin-nuqqas ta' dawn l-elementi kollha kif esposti aktar ' l fuq.

**It-Tieni Aggravju**: Illi l-esponenti ma seta' qatt jinstab hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza una volta gie liberat mit-tieni akkuza.

Illi huwa fatt ben stabbilit illi sabiex tinstab hati ta' akkuza taht l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 tal-Ligijiet ta' Malta, tali persuna jrid jirrizulta li kienet qeghda barra b' arma proprja ghal skop ta' kacca.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill- esponenti mit-tieni akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u dan a bazi tal-fatt illi "*l-Qorti hija sprovista minn kwalunkwe prova dwar jekk l-imputat kellux licenzja sabiex igorr armi jew altrimenti, u f' kaz li huwa kellu licenzja sabiex igorr l-armi, hija ukoll sprovista minn kwalunkwe prova dwar il-kundizzjonijiet ta' tali licenzja*".

Illi l-esponenti jtenni aktar minn hekk stante illi waqt is-smiegh ta' dan il-kaz, giet esebita lista ta' armi li l-esponenti jippossjedi u li huma licenzjati u minn imkien minn din il-lista esebita n atti ma rrizulta li l-esponenti jipposjedi jew qatt ipposjeda xi arma bin-numru M805508T.

In oltre, l-ewwel Onorabbli Qorti donnha ma haditx in konsiderazzjoni l-punt essenzjali l-prosekuzzjoni lanqas ma rnexxielha tipprova li n-numru M805508T kienet tappartjeni lill-appellant izda sempliciment tellghu rapprezentant mill-EPU biex jispjega lill-Qorti li l-appellant kellu licenzja tal-kacca u sempliciment xehed illi

allavolja kellu licenzja hadd ma seta' jikkacja wara s-siegha ta' wara nofsinhar peress li dak inhar kienet festa pubblika.

L-Ewwel Onorabbli Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt illi n-nuqqas ta' ness bejn l-arma u l-individwu ma setghu qatt iwasslu ghal grad ta' htija ghax kif jista' qatt persuna tinstab li kienet qeghda ghall-kacca b' arma ndikata meta din l-arma ma tappartjenix lilu izda lill- terza persuna?

Illi dan in-nuqqas, specjalment meta l-ahjar prova kienet dik tal-appellant fejn hu biss ikkonferma n-numri tal-licenzji tieghu, punt importantissu li zgur li kellu jigi meqjus u jwassal ghall-kunflitt ta' provi. Ghalkemm huwa minnu, u dan a skorta ta' gurisprudenza, illi mhux kull kunflitt ta' prova jwassal neccessarjament ghall-liberatorja, f' dan il-kaz partikolari il-provi fl-umli opinjoni tal-esponenti la kienu safe u lanqas kienu satisfactory, anzi certament perikoluz illi l-Ewwel Onorabbli Qorti strahet biss fuq ix-xhieda tal-prosekuzzjoni (li l-ebda minnhom ma gharfu l-appellant gol-awla) jew pruvat li l-arma ndikata hija proprjeta jew fil-pussess tal-appellant, u skartat kompletament il-provi li ressaq l-appellant.

Illi ghalhekk, ghad li l-appellant gie liberat mit-tieni akkuza kif gustament kellu jigi liberat, dan kellu jigi liberat stante illi l-arma ndikata ma tappartjenix lilu u mhux ghax il-Qorti kienet sprovista minn kwalunkwe prova kif aktar ' l fuq citat.

**<u>It-Tielet Aggravju – Piena Eccessiva</u>**

Bla pregudizzju ghal dak li gie sottomess rigward l-ewwel aggravju, jinghad li l-appellant kellu fedina penali nadifa u in vista ta' dan il-punt wahdu il-piena li ordnat l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet eccessiva. Fil-verita l-iskop tal-piena mhux wahda

ta' tpattija u ghalhekk il-legislatur peress li dawn it-tip t' akkuzi jappartjenu ghal delizzju, ihalli fid-deskrizzjoni wisa' tal-gudikant li jaghti piena. Filfatt l-artikolu 27(2) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li jekk l-imputat jinstab hati hemm lok li minflok jehel piena jista jehel probation order.

Illi fuq dan l-aggravju, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Justin Chetcuti** (Appell Nru 13/2020) li kienet tirrelata dwar kacca minghajr permess fis-stagun maghluq din l-Onorabbli Qorti ma skwalifikatx lill-appellant mill-licenzji taht ir-regolamenti tal-ghasafar selvaggi u lanqas taht l-Ordinanza dwar l-Armi. Dan ifisser li l-iskwalifika tal-licenzja mhux tassattiva. F' kaz iehor il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Justin Chetcuti** (Appell Nru 495/2017) fuq akkuzi kwazi identici iskwalifikat l-appellant ghal-perjodu ta' skwalifika ta' sena, u mhux ta' sentejn.

Illi fuq dan il-punt, jigi sottomess ukoll illi l-akkuzat fil-verita kien permess illi jikkaccja fil-gurnata u l-unika allegazzjonijiet kienu illi l-appellant kien qieghed jikkacja wara hinijiet maghluqa peress illi dakinhar li hareg kienet festa, u dan il-fatt qisha lanqas ma haditu in konsiderazzjoni l-Onorabbli Qorti meta ddecidiet fuq il-piena li certament kienet eccessiva, sproporzjonata u minghajr ebda bazi legali.

B' hekk in vista tas-suespost, hija fl-umli opinjoni tal-appellant illi l-piena u l-multa moghtija fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti kienet sproporzjonata u ghandha tkun fil-minimum jew tqarreb lejn il-minimum u dan kemm il-darba l-aggravji l-ohra ta' dan l-appell ma jigux milqugha minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **__il-Pulizja vs Julian Genovese__**:[1] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***__ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.__*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***__izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.__*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma*

[1] Deciza 31 ta' Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] 1969] 1 QB 276.
[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, diment li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[8] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru,1994.

komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza citata mill-avukat difensur fir-rikors tal-appell tieghu moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant ghandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[10]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

---

[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[11] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[12] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [13] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial*

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.

*evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**.[14]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

**Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali** jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom

---

[14] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

quddiemhom fil-passat.[15] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[16] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru **l-verita' storika**; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti:

---

[15] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[16] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

L-NPS report esebit a fol.4 et seq. tal-process jghid illi nhar l-21 ta' Settembru, 2020 ghall-habta ta' 16.45hrs il-pulizija tal-EPU PS 130 u PC 544 ircivew rapport min-naha ta' CABS Malta Christian Cachia Zammit u Fiona Burrows fejn kienu rrapurtaw li kienu ghadhom kemm raw kaccatur fl-nhawi ta' Birzebbugia (wara Borg in-Nadur) ezattament faccata. Il-pulizija marru fuq il-post fejn iltaqghu mal-kwerelanti li qalulhom li l-kaccatur kien iccaqlaq u dan peress li lemah l-istess kwerelanti u qabad jimxi. Gie rrapurtat li l-pulizija wettqu diversi spezzjonijiet bil-mixi kif ukoll bil-vettura fl-inhawi izda m'iltaqaw ma' l-ebda kaccatur u lanqas ma semghu tiri ta' senter. Il-Pulizija rat bicca mill-filmat fuq il-kamera fejn kien jidher persuna maskili bi flokk abjad mixi bejn is-sigar izda peress li l-filmat huwa zghir, l-individwu ma setghax jigi identifikat sewwa u ghaldaqstant il-pulizija kellmet lil Fiona Burrows sabiex tghaddi l-filmat migbud lill-Ufficju tal-EPU ghall-aktar stharrig. Rigward dan ir-rapport gie mitkellem certu Jesmond Saliba fejn wara li nghata d-drittijiet tieghu anke sabiex jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu, hu ma wegibx ghall-mistoqsijiet maghmula minnu w rrifjuta li jikkonsulta m'avukat. Saliba ffirma wkoll dikjarazzjoni ta' dan. Hu gie mgahrraf li kienu ser johorgu akkuzi fil-konfront tieghu u dan talli kien qiegehd ghall-kacca wara stagun maghluq.

Verzjoni simili ghall-dik provduta fl-NPS report giet iddikjarata bil-gurament permezz ta'affidavit minn PC 544[17] u PS 130.[18]

Skont il-verbal data 6 t' April, 2022 a fol. 13 tal-process, jidher li xehed bil-gurament Thomas Borg madankollu ix-xhieda baqghet ma gietx inserita fl-atti. L-istess jista'

[17] Fol. 6 et seq tal-process.
[18] Fol. 8 tal-process.

jinghad ghax-xhieda ta' Fiona Burrows madankollu r-rapport taghha gie nserit a fol. 14 et seq. tal-process u mmarkat bhala Dok. FB.

Fir-rapport mmarkat bhala Dok. FB jinghad illi nhar il-21 ta' Settembru, 2020 xi 4.30pm go sqaq vicin Birzebbugia, Burrows flimkien ma voluntier bl-isem ta' Chris innutaw ragel bil-qieghda go dura faccata minnhom. *Shotgun* deher vizibbli fuq irkubbtejh. Hu nnutahom mill-ewwel u deher nervuz. Burrows talbet lil Chris icempel lill-pulizija sakemm hi bdiet tigbed video. Is-suspettat beda jigbor l-affarijiet fil-basket u beda jarahom bil-*binoculars*. F' 4.40 pm is-suspettat qam u l-gun kien vizibilment car. Hu haffef l-isfel mill-gholja u nheba. Ftit minuti wara hu rega haffef l-isfel ghal gol-wied mimli qasab. Dak il-hin hu ma baqax vizibbli u f'4.55pm is-suspettat hareg minn qiegh il-wied u ghatta is-*shotgun*. Hu haffef il-fuq mill-gholja, lejn it-triq u ma baqax jidher. Burrows informat kollega sabiex issuq fl-akwata forsi tarah, izda sakemm hi wasslet, hi ma rat l-ebda karozza qed tigi misjuqa. Burrows u Chris mxew ghal dik it-triq u sabu lil ta' l-ALE li bdew ifittxuhom. Hi spjegat l-incident u wriethom il-filmat u huma marra jfittxu l-akwata. Huma nnutaw karozza pparkjata fil-vicinanzi, izda mhux maghruf din lil min tappartjeni.

Fuq talba tad-difiza gie pprezentat dokument li jinkludi id-dettalji tal-imputat u li jinkludi wkoll lista ta'armi irregistrati f'isem l-appellant u li giet immarkata bhala Dok. EMX.[19]

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

---

[19] Fol. 21 et seq. tal-process.

Din il-Qorti tixtieq tibda billi tghid illi fir-rigward tal-investigazzjonijiet tal-pulizija hija tinsab dizappuntata ferm u tixtieq tenfasizza l-kritika taghha dwar il-fatt illi xhieda mportanti ma jigux imressqa sabiex jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti bhal per ezempju il-voluntiera tal-CABS u cioe' f'dan il-kaz Chris Cachia Zammit. Oltre minn hekk, minkejja l-fatt li kemm fl-NPS report u kemm fl-affidavits tal-pulizja hemm li l-appellant iffirma dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-parir legali, din ma gietx ipprezentata! Huwa minnu li dawn huma proceduri sommarji, madanakollu l-pulizija ghandhom ikunu preparati u mhux iserrhu principarjament fuq ir-rapporti kompliati mill-CABS. Din il-Qorti tfakkar illi l-prosekuzzjoni trid iggib il-quddiem l-ahjar prova u l-appellant m'hu obbligat iressaq l-ebda prova *da parte* tieghu.

Oltre minn hekk din il-Qorti tfakkar il-massima legali quod *non est in actis non est in mundo*. Huwa principju ultra bazilari u mifghum anke minn min ma huwiex legalment tekniku li Qorti, specjalment ta' kompetenza kriminali, ghandha, in linea mal-massima sucitat, tibbaza l-gudizzju taghha fuq il-provi ammissibbli prodotti in atti u mhux fuq fatti estraneji ghall-process. Ta' min jinnotta illi minkejja l-verbal data it-3 ta' Novembru, 2022,[20] fejn gie ritenut hekk: '*Il-Qorti tordna sabiex ix-xhieda moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati, tigi nserita fl-atti sas-seduta li jmiss*' ix-xhieda bil-gurament ta' Thomas Borg u Fiona Burrows baqghu ma gewx inseriti fl-atti. Minghajr ix-xhieda bil-gurament ta' Fiona Burrows, ir-rapport taghha mmarkat bhala Dok. FB, kif ukoll il-filmat minnha migbud, esebit u mmarkat in atti bhala Dok. EM5 a fol. 12 tal-process, ghandhom jigu kkunsidrati biss bhala *hearsay evidence* u ghaldaqstant din il-Qorti zgur ma tistax tghid li quddiemha ghandha l-ahjar prova kontra l-appellant.

---

[20] A fol. 39 tal-process.

Ghaldaqstant din il-Qorti kull m'ghandha f'idha huma affidavits tal-pulizija li ghalkemm marru fuq il-post tal-allegat incident ma rawx lill-akkuzat; Filmat u rapport tal-kwerelanta Fiona Burrows;[21] u dokument immarkat bhala Dok.EMX li jixhed l-armi li l-appellant ghandu rregistrati fuqu. B'kull dovut rispett, b'dawn il-provi fjakki din il-Qorti zgur ma tistax tkun konvinta li l-appellant huwa hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dan minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi u in vista tan-nuqqasijiet kollha sucitati, din il-Qorti ma ghandiex triq ohra ghajr li tillibera lill-appellant Jesmond Saliba minn kull htija u piena.

Din il-Qorti qeghda tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex taghmel zgur illi x-xhieda prodotti quddiem l-Ewwel Qorti ghandhom dejjem jigu nseriti quddiem din il-Qorti.

Tordna komunika wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tali proceduri isiru b'aktar attenzjoni w jigu wkoll mressqa l-provi kollha skond il-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

---

[21] Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Luciano Mirabitur** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Mejju, 2019 gie ritenut illi: *'…l-filmat wahdu mhuwiex bizzejjed ai fini ta' identifikazzjoni'*